# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI PRELIMINARI NRU: 2453

**Kaz Numru: 3451/DP**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Marco Camilleri (I.D.No. 423771 M)**

**u**

**Malta International Airport plc**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta**

**Chairperson: Is-Sinjura Doreen Parnis M.A., M.A. Qual. B.A., P.G.C.E.**

**Nhar it-Tlieta 6 ta' Dicembru 2016**

## Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors mill-Avukat Roberta Spiteri f'isem l-appellant Marco Camilleri fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar it-23 ta' Frar, 2016, fejn sostna li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu saru ghal ragunijiet ingusti.

Fuq talba tas-Socjeta' ntimata Malta International Airport plc fir-risposta taghha talbet lit-Tribunal biex preliminarjament, it-talbiet tar-rikorrent li huma preskritti ai termini tal-Artikolu 75(3) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom ghaldaqstant jigu michuda; talbet ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, kellha ragunijiet tajba u bizzejjed sabiex tittermina l-impjieg tar-rikorrent kif jintwera matul il-proceduri, skont il-kaz, kemm il-darba dan it-Tribunal ma jilqax l-eccezzjoni preliminari.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjonijiet ta' l-avukati difensuri.

## Rapprezentanza

Marco Camilleri, li minn issa l-quddiem ser jissejjah ir-rikorrent, kien assistit mill-Avv. Roberta Spiteri.

Malta International Airport plc, li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta ntimata' kienet irraprezentata mill-Avukat Ron Galea Cavallazzi u l-Avv Edward Mizzi.

## Fatti fil-qosor tal-kaz

L-Appellant kien gie ngaggat mas-Socjeta' ntimata fuq bazi full time fis-sezzjoni tal-maintenance, u dan ghal madwar tlieta u tletin sena. Ftit jiem qabel it- 3 ta' Lulju 2015, l-appellant kien qieghed jaghmel xi xoghol fil-kuritur li jinsab vicin kamra, minghajr isem, u waqt il-qadi ta' dmirijietu waqalu t-turnavit f'din il-kamra. Fit- 3 ta' Lulju, ftit qabel ma spiccat il-gurnata lavorattiva tieghu, l-appellant, rama s-sellum fil-kuritur sabiex ikun jista' jaccedi f'din il-kamra sabiex igib it-turnavit. Fl-istess 3 ta' Lulju l-appellant acceda f'din

il-kamra biex igib dan it-turnavit u b'konsegwenza ta' hekk r-rikorrenti tressaq quddiem il-Bord tad-Dixxiplina akkuzat talli fit-3 ta' Lulju 2015:

1) Prezenza tieghu f'post illi ma kellux ghalfejn ikun hemm
2) Negligenza fuq ix-xoghol tieghu
3) Imgieba illi taghmel hazin lill-kumpanija

Sadanitant, fl-10 ta' Settembru 2015, ittiehdet decizjoni mill-Bord tad-Dixxiplina u l-appellant gie infurmat illi b'mod immedjat ix-xoghol tieghu qieghed jigi itterminat. Ir-rikorrent appella minn din id-decizjoni u fit-30 ta' Ottubru 2015 giet ikkonfermata d-decizjoni li ittiehdet mill-Bord tad-Dixxiplina.

Minn naha taghha s-socjeta' qalet li fit-tmiem tal-Impjieg tieghu, r-rikorrent kien impjegat bhala Senior Technician mas-socjeta' Malta International Airport plc. L-impjieg tar-rikorrent gie tterminat fl-10 ta' Settembru 2015 wara li r-rikorrent skont is-Socjeta', ezawrixxa d-drittijiet tieghu taht il-proceduri interni ta' dixxiplina tas-socjeta' konvenuta. Ir-records tal-ETC jikkonfermaw illi d-data tat-terminazzjoni hi l-10 ta' settembru 2015 li r-rikorrent gie mkecci "on disciplinary grounds". Ir-rikorrent ipprezenta r-rikors tieghu fit-23 ta' Frar 2016. Is-socjeta ntimata tghid ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta tirrileva illi r-rikorrent gie moghti charge note fis-7 ta' Lulju 2015 u gie mistieden ghall-akkuzi migjuba kontrih.

Wara li r-rikorrent instab hati mill-bord ta' dixxiplina, huwa appella minn dik is-sejba ta' htija u nstema' minn bord ta' Appell fis 7 ta' Ottubru 2015, li sabu wkoll hati.

**Gabra fil-Qosor tax-xhieda**

**Tina Lombardi**: Head HR MIA qalet li d-data tat-terminazzjoni tieghu hija dik tal-10 ta' Settembru 2015 u l-istess data giet ikkomunikata sew lir-rikorrent kif ukoll lil ETC. Hija qalet ukoll l-ahhar payslip kienet ukoll tal-10 ta' Settembru li fiha hemm inkluz salarju li jkopri bejn l-1 u l-10 ta' settembru. Hija qalet ukoll li gie maqtugh mill-payroll fl-10 ta' Settembru u ikkonfermat ukoll li kien ghadu ghaddej il-process ta' dixxiplina peress li l-Bord tal-Appell tlaqqa' f'Ottubru u proprju fis-27 ta' Ottubru inharget ittra biex tinforma lir-rikorrent bid-decizjoni finali. In kontro-ezami ghall-mistoqsija jekk kieku kien il-kaz li waqt l-Appell kienet tigi revokata s-sentenza ta' tkeccija x'kien jigri x-xhud qalet li hija mhix esperta imma timmagina li kieku gara hekk kien jerga' jigi reinstated.

**Marco Camilleri:** ir-rikorrent issejjah mill-avukat Ron Galea Cavallazzi u gie mitlub jaqra l-ewwel paragrafu mid-dikjarazzjoni tieghu stess jigifieri tar-rikorrent innifsu, b'liema dikjarazzjoni infetah il-kaz. Huwa qara li gie tterminat fl-10 ta' Settembru 2015.

**Sintezi tat-Tratazzjonijiet**

**L-Avv Ron Galea Cavallazzi** f'isem is-Socjeta' intimata bena l-argument tieghu madwar il-kwistjoni meta jibdew jiddekorru l-erba' xhur li hemm fl-Artiklu 75 sub-inciz 3 tal-Kap 452. Huwa qal li jekk l-impjieg gie terminat qabel l-appell, qabel instema' l-kaz ta' dixxiplina, ghar-ragunijiet mhux tajba xorta d-dritt li jinfethu l-proceduri huma erba' xhur minn dakinhar tat-terminazzjoni tal-impjieg. Huwa spjega wkoll li jekk wiehed imur lura ghal meta kien ghad hawn ic-CERA u l-Industrial Relations Act Artiklu 28 sub-inciz 3 tal-Industrial Relations Act kien filfatt erba' xhur mill-gurnata tat-temm tal-Impjieg. Pero dak kien jitratta biss kazijiet ta' tkeccija. Illum l-Artiklu 75 jitratta kemm kazijiet ta' tkeccija kif ukoll affarijiet li jaqghu fil-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal minhabba li huma f'titlu wiehed bhal diskriminazzjoni, harassment, ecc. Allura ma setghetx il-Ligi tkompli tghid illi l-erba' xhur jiddekorru mid-data tat-tkeccija pero'

mill-ksur allegat u l-ksur allegat allura fic-cirkostanzi ta' kawza ghal allegat tkeccija ngusta, il-ksur allegat huwa t-tkeccija nnifisha. Allura l-erba' xhur ghandhom jibdew minn dakinhar illi formalment l-impjegat ma baqax fuq il-kotba tal-kumpanija. Dr Galea Cavallazzi rrefera' wkoll ghal erba' decizjonijiet mahruga mit-Tribunal fil-passat li jirreferu ghad-dekadenza. Huwa qal ukoll li bl-ebda mod mhu qed jikkontesta illi l-proceduri ta' dixxiplina baqa' ghaddej wara l-gurnata tat-terminazzjoni. Pero' l-gurnata tat-terminazzjoni sehhet wara d-decizjoni tal-ewwel Bord ta' Dixxiplina kif anke hemm ammess mad-dikjarazzjoni tal-kaz.

**L-Avv Roberta Spiteri** ghan-nom tar-rikorrent sahqet li fir-rikors hemm illi l-10 ta' Settembru ttiehdet decizjoni mill-Bord ta' Dixxiplina u l-esponenti gie nfurmat illi b'mod immedjat ix-xoghol tieghu qieghed jigi tterminat. Illi l-esponenti appella minn din id-decizjoni. Fit-30 ta' Ottubru tal-2015 giet ikkonfermata d-decizjoni li ttiehdet mill-Bord ta' Dixxiplina. Hu appella quddiem il-Bord tal-Appell allura la ma kienx jaf jekk hux l-appell ha jintlaqa jew le hu ma setax jiftah proceduri ta' tkeccija quddiem dan it-Tribunal. Hija rreferiet ukoll ghal *International Airport Procedure for the Administration of Discipline* artiklu 3.9 fejn jghid:"*..in case of alleged serious offence the Head of HR may at his complete discretion suspend the charged employee on half pay for the period duration which the disciplinary process contained in this agreement is concluded ie from the issue of the charge until a final decision by the Appeals Board.* L-Avv Spiteri qalet li r-rikorrent ma setax jintavola proceduri quddiem it-Tribunal minhabba li hu ma kienx jaf jekk hux ha jerga jidhol fl-impjieg jew jekk hux ha jitkecca l'barra.

**Kunsiderazzjonijiet**

Sabiex it-Tribunal seta' jiddeciedi jekk il-kaz giex ntavolat *entro termini* Artiklu 75(3) Kap 452,

Tenut kont tmien fatti li hargu waqt dan il-process u cjoe:

> Li l-*Employment History* mahruga mill-ETC tindika li t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-Appellant minn mas-Socjeta' Malta International Airport saret fl-10 ta' Settembru, 2015.
>
> Li r-records tal-ETC jikkonfermaw illi d-data tat-terminazzjoni hi l-10 ta' Settembru 2015 u li r-rikorrent gie mkecci "on disciplinary grounds".
>
> Li r-rikorrent ipprezenta r-rikors tieghu fit-23 ta' Frar 2016;
>
> Li ai termini ta' l-Artiklu 75(3) tal-Kap 452, ir-rikorrent kellu erba' xhur mill-10 ta' Settembru 2015 sabiex jipprezenta l-ilment tieghu quddiem dan it-Tribunal, jigifieri sa mhux aktar tard mill-10 ta'Jannar 2016
>
> Li stante dak indikat fl-artiklu 75(3) tal- Kap 452 huwa perjodu ta' dekadenza, ma jista' jkun hemm ebda gustifikazzjoni ghal dan id-dewmien u lanqas hija sitwazzjoni li tista tigi sanata;
>
> Li minkejja li hawn fuq jidher li d-data tat-terminazzjoni hija l-10 ta' Settembru, il-process dixxiplinarju kien fil-fatt ghadu ghaddej minhabba li l-Appell instema' proprju fis-7 ta' Ottubru 2015;

Li d-decizjoni li ha l-bord tal-Appell giet ikkomunikata lir-rikorrent b'ittra datat 27 ta' Ottubru 2015;

Li l-istess Malta International Airport Procedure for the Administration of Discipline, parag 3.9 tghid li f'kaz ta' process dixxiplinarju l-HR jista' ghad-deskrizzjoni tieghu ipoggi lill-impjegat fuq nofs paga ghad–durata tal-process kollu.

**DECIZJONI**

It-Tribunal jinnota li minkejja li s-Socjeta' ntimata qed tinsisti li r-rikorrent gie tterminat fl-10 ta' Settembru "wara li r-rikorrent ezawrixxa d-drittijiet tieghu taht il-proceduri nterni ta' dixxiplina", jidher car li dan mhux il-kaz ghar-raguni li l-proceduri gew fi tmiemhom fis- 27 ta' Ottubru 2015.

Oltre minn hekk Selwyn jghid:" ……, *it is implicit that if the appeal is allowed, the intervening period (ie. between the dismissal and appeal) is one of suspension, for the ultimate decision of the appeal relates back to the date on which the purported dismissal was effected. Thus, if the appeal is allowed, there is no break in continuity of employment."* (Dictionary of Employment Law, Norman Selwyn, 1985.). Dan it-Tribunal ra wkoll decizjonijiet ohra li inghataw fil-passat cjoe: Kaz Numru 1792/FM; Kaz Numru 2632/FM; Kaz Numru 2802/MF u Kaz Numru 2783/LC li kollha jitrattaw il-materja dwar meta jibda jiddekorri l-perjodu ta' dekadenza ta' erba' xhur, skont l-artiklu 75(3) tal-kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta f'kazijiet ta' allegata tkeccija ngusta. Intant meta ra dawn il-kazijiet fil-fatt ma sabx similarita' mal-kaz odjern ghax fil-fatt ma kien hemm l-ebda process ta' dixxiplina ghaddej wara d-data ta' terminazzjoni. Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li l-Appell huwa parti mportanti mill-process kollu u jekk jaccetta d-data ta' terminazzjoni kif indikat fir-risposta tas-socjeta' jigifieri dik tal-10 ta' Settembru meta fil-fatt il-process dixxiplinarju kien ghadu miftuh, ikun qieghed johloq precedent u jaghti x'jifhem li l-appell huwa parti kozmetika u mhux daqstant necessarja jew relevanti; u ukoll ihoss li r-rikorrent ma seta' qatt jibda proceduri fit-Tribunal Industrijali meta ghadu bit-tama li waqt is-smigh tal-Appell s-sentenza tigi revokata bi klemenza; u jekk filfatt is-socjeta' tigi nfurmata li nfetah kaz quddiem it-Tribunal, dan inaqqas u mhux izid ic-cans ta' xi forma ta' rikonciljazzjoni jew egevolar lejn ir-rikorrent. Fic-cirkostanzi dan it-Tribunal huwa tal-fehma li dan kien process ivvizzjat la darba kien ghadu miftuh il-process dixxiplinarju u fl-istess waqt inharget id-data tat-terminazzjoni. Irrelevanti li l-ETC (Issa maghrufa JOBSPLUS) giet ikkomunikata lilha d-data ta' l-10 ta' settembru ghax il-Korporazzjoni hija biss regolatur u tirregistra dak li jkun ikkomunikat lilha.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jiddikjara li r-rikors promotur gie sottomess *entro termine* u allura ma jilqax l-eccezzjoni mressqa mis-socjeta' u jordna l-prosegwiment tal-kaz.

Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**(iffirmat)**
**Doreen Parnis**
**Chairperson**

**VERA KOPJA**

**Graziella Spiteri**
**Ghas-Segretarju**